PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għall-Iżvilupp

2006/2251(INI)

8.11.2006

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-migrazzjoni legali: pjan ta' politika 2006-2009
(2006/2251(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Manolis Mavrommatis

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni li se jadotta:

1. Jemmen li l-immigrazzjoni tal-massa hija riżultat ta' ekonomiji falluti, iż-żieda fil-faqar tal-popolazzjoni, ksur tad-drittijiet tal-bniedem, id-degradazzjoni ambjentali, il-qasma dejjem tikber bejn il-pajjiżi sinjuri u dawk fqar, il-gwerra ċivili, gwerer għall-kontroll tar-riżorsi naturali, il-persekuzzjoni minħabba politika;
2. Huwa konvint li l-Unjoni Ewropea trid timmira għall-irwol maġġuri fit-twettiq ta' l-immigrazzjoni bħala spinta għall-iżvilupp u jinnota li l-unika reazzjoni adattata ta' l-UE għall-fenomenu ta' l-immigrazzjoni hija l-istrateġija fil-livell ta' l-UE, li tistabbilixxi objettivi komuni u mekkaniżmi disponibbli biex tindirizza sfidi komuni fi spirtu ta' solidarjetà reċiproka;
3. Jilqa' b'sodisfazzjon il-Pjan ta' Politika dwar il-Migrazzjoni Legali ppreżentat mill-Kummissjoni, iżda jaħseb li dan il-pjan jeħtieġ ikun komplimentat minn Pjan ta' Azzjoni dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp, wara l-konklużjonijiet tad-Djalogu fuq Livell Għoli tan-NU dwar il-Migrazzjoni Internazzjonali u l-Iżvilupp (14-15 ta' Settembru 2006) u bħala preparazzjoni għall-Konferenza Ministerjali Ewropa-Afrika dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp li ss ssir fi Tripoli, fit-22 u t-23 ta' Novembru 2006;
4. Jinnota li immigranti huma sors ta' arrikkiment għall-pajjiżi li jospitawhom u jinsisti li dan l-irwol irid jiġi rikonoxxut aktar u jiġi promoss; jenfasizza li l-programmi ta' integrazzjoni ta' l-Istati Membri u l-Unjoni Ewropea għandhom jagħtu iktar attenzjoni għar-riskju tad-diskriminazzjoni kontra l-immigranti;
5. Jinsisti li l-Unjoni Ewropea għandha twettaq djalogu politiku fuq livell għoli mal-pajjiżi tal-kontinent Afrikan dwar is-suġġett ta' l-immigrazzjoni, fil-forma ta' ftehimiet prattiċi li jikkoordinaw l-iżvilupp ta' dawk il-pajjiżi mal-politika ta' immigrazzjoni ta' l-UE; jilqa' b'sodisfazzjoni il-Konferenza Ministerjali UE-Afrika dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp li għandha ssir fi Tripli fit-22 u t-23 ta' Novembru 2006;
6. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri biex jimplimentaw politiki mmirati lejn it-tnaqqis ta' effetti soċjali u ekonomiċi negattivi tal-ħarba ta' l-imħuħ, waqt li titqies il-kriżi globali ta' riżorsi umani fil-qasam tas-saħħa, b'nuqqasijiet serji ta' ħaddiema fil-qasam tas-saħħa b'mod partikulari f'partijiet ta' l-Afrika;
7. Jistieden lill-Istati Membri biex jimplimentaw stat legali sikur għall-immigranti kkonċernati u jenfasizza l-fatt li kemm iċ-ċittadini ta' l-UE u l-ħaddiema immigranti għandhom drittijiet u obbligi li jridu jkunu rispettati f'kull ħin;
8. Jistieden lill-Kummissjoni biex tintegra l-kwistjoni tal-migrazzjoni b'mod sistematiku fid-Dokumenti ta' Strateġija tal-Pajjiż kollha;
9. Jistieden lill-Kummissjoni biex tassisti l-politiki ta' integrazzjoni ta' l-Istati Membri permezz ta' strumenti finanzjarji u jenfasizza l-ħtieġa biex ikun stabbilit fond speċifiku li jippermetti miżuri ta' kożvilupp biex ikunu ffinanzjati u garantiti b'fond li jiżgura l-eżistenza fuq perjodu ta' żmien fit-tul ta' mikro-proġetti għall-immigranti;

10. Jappoġġja l-integrazzjoni ġdida ta' immigranti u jafferma li l-politiki u miżuri ta' intergrazzjoni rilevanti għandhom ikunu inklużi fil-livelli kollha rilevanti ta' politika, Ewropea, governattiva, nazzjonali, reġjonali u lokali, bħala kunsiderazzjoni moderna fit-tiswir u l-implimentazzjoni ta' politika pubblika;

11. Jenfasizza l-importanza li jitqies b'mod xieraq il-fatt li 51% ta' l-immigranti fil-pajjiżi industrijalizzati huma nisa, u li n-nisa jiġu permessi jkollhom aċċess ugwali għas-suq tax-xogħol sabiex itejbu l-kundizzjonijiet ta' xogħol, tal-ħajja u soċjali ta' l-immigranti nisa u l-aċċess tagħhom għall-edukazzjoni, is-servizzi tas-saħħa, korsijiet tal-lingwi u taħtriġ professjonali u l-parteċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet tan-nisa immigranti fit-tfassil, l-applikazzjoni u l-evalwazzjoni ta' miżuri ta' politika ta' dan it-tip;

12. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jipprovdu finanzjament għal programmi sabiex jitwaqqfu programmi ta' informazzjoni u ta' gwida għal applikanti għal immigrazzjoni legali fl-Unjoni Ewropea fil-pajjiżi ta' l-oriġini tagħhom stess;

13. Jenfasizza li l-leġiżlazzjoni ta' l-UE u nazzjonali dwar il-migrazzjoni internazzjonali għandha tirrifletti standards tad-drittijiet tal-bniedem li sar ftehim fuqhom fil-kamp internazzjonali;

14. Jilqa' b'sodisfazzjon l-proposta tal-Kummissjoni biex tinkoraġġixxi l-immigrazzjoni ċirkolari u tfittex strutturi legalment vijabbli għal dan l-għan f'koperazzjoni ma' l-Istati Membri, bl-immigranti li jivvjaġġaw bejn il-pajjiż ta' l-oriġini u l-pajjiż ta' destinazzjoni, u b'hekk jakkumulaw tagħrif u esperjenza li jkunu disponibbli għall-pajjiż ta' l-oriġini tagħhom; jinnota li huwa meħtieġ li l-immigrazzjoni ċirkolari tkun akkumpanjata b'miżuri ta' integrazzjoni, bħat-trasferiment ta' talbiet għall-pensjoni u l-pagamenti ta' sigurtà soċjali kollha l-oħra bejn il-pajjiż ta' l-oriġini u l-pajjiż li jospita, għal migranti li qed jitilqu u dawk li qed jirritornaw;

15. Jenfasizza li l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin marbut mal-migrazzjoni għandha tkun żgurata bħala prijorità ta' l-UE u li riżorsi finanzjari xierqa għandhom jiġu indirizzati lejn din l-azzjoni u jesprimi t-tħassib tiegħu dwar it-traġedji umani li qed iseħħu kuljum fil-fruntieri ta' l-Unjoni minħabba l-attentati ta' nies li qed jippruvaw jidħlu klandestinament fit-territorju ta' l-UE;

16. Jappoġġja l-istabiliment ta' applikazzjoni komuni għal permessi ta' xogħol u ta' residenza għall-Istati Membri kollha, kif ukoll il-ħruġ ta' permess komuni ta' xogħol u ta' residenza sabiex l-immigranti ma jkunux sfruttati minn gruppi kriminali li joħorġu permessi bħal dawn;

17. Jappoġġja miżuri fuq livell nazzjonali u ta' l-UE relatati maż-żieda fil-kuxjenza, kampanji kontra d-diskriminazzjoni, pakketti ta' informazzjoni għall-immigranti ekonomiċi li jkunu għadhom jaslu, korsijiet ta' lingwa u ta' orjentazzjoni ċivika, taħriġ, inizjattivi kulturali permezz ta' finanzjar ta' EU xieraq, bħall-AENEAS u l-fond ta' integrazzjoni futur ta' l-UE;

18. Jenfasizza li għalkemm kull sforz għandu jsir sabiex jiġi faċilitat u jkun ta' spiża inqas it-trasferiment ta' bgħit ta' flus, huma jibqgħu fondi privati li primarjament jibbenefikaw lill-familji li jirċevuhom u m'għandhomx jitqiesu bħala sostitut għall-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp;

19. Iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha biex jirratifikaw il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Immigranti u jonora bi sħiħ l-impenji

internazzjonali tagħhom relatati mal-protezzjoni ta' l-immigranti u tal-familji tagħhom;

20. Jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti biex jiġi stabilit Forum Globali dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp li jsir kull sena b'mod informali u li ma jorbotx, bħala segwitu għat-taħdidiet dwar il-migrazzjoni u l-iżvilupp u sabiex titkattar bejn il-gvernijiet il-koperazzjoni prattika u bbażata fuq l-evidenza;

21. Jenfasizza l-importanza tal-faċilitar ta' l-integrazzjoni mill-ġdid ta' migranti fir-ritorn volontarju tagħhom għall-pajjiżi ta' l-oriġini tagħhom, u b'mod partikulari l-kwistjoni ta' l-iżgurar tal-portabilità tal-pensjonijiet u l-aċċess għal servizzi soċjali, kif ukoll il-faċilitar ta' l-aċċess tagħhom għal self u t-twaqqif ta' negozji żgħar;

22. Jitlob li jkun hemm trattament ugwali fir-rigward tas-sigurtà soċjali għal persuni ta' ċittadinanza ta' pajjiż fl-ACP u jaħseb li l-isħubija ACP-UE hija qafas partikularment xieraq għat-tressiq ta' risposti konġunti dwar il-kwistjoni tal-migrazzjoni, skond l-Artikolu 13 tal-Ftehima ta' Cotonou.

PROĊEDURA

Titolu	Migrazzjoni legali: pjan ta' politika 2006-2009
Numru ta' Proċedura	2006/2251(INI)
Kumitat responsabbli	LIBE
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	DEVE 26.10.2006
Koperazzjoni aktar mill-qrib - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Manolis Mavrommatis 25.1.2006
'Rapporteur' ta' opinjoni preċedenti	
Eżami fil-kumitat	28.8.2006 2.10.2006 6.11.2006
Data ta' l-adozzjoni	6.11.2006
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 15 –: 1 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Margrietus van den Berg, Danutė Budreikaitė, Marie-Arlette Carlotti, Hélène Goudin, Maria Martens, Luisa Morgantini, Horst Posdorf, Feleknas Uca, Elena Valenciano Martínez-Orozco, Anna Záborská
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	John Bowis, Fiona Hall, Alain Hutchinson, Jan Jerzy Kułakowski, Manolis Mavrommatis, Csaba Őry
Sostituti(i) (skond l-Artikolu 178(2) preżenti għall-votazzjoni finali	
Kummenti (disponibbli b'lingwa waħda biss)	